

29 ta’ Diċembru 2009

**Liċenzji u Assigurazzjoni tal-Kaċċa u l-Insib ser jibqu Validi anki f’Jannar 2010**

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) għamlet arranġamenti sabiex il-‘Master Policy’ tal-assigurazzjoni tal-kaċċa li ħalsu l-membri tal-FKNK għal din is-sena tiġi estiża u tibqa fis-seħħ sa’ meta jagħlaq l-istaġun tal-kaċċa, jiġifieri fil-31 ta’ Jannar 2010. B’hekk ukoll l-assigurazzjoni tas-sena li jmiss ser tkun valida mill-1 ta’ Frar 2010 sal-31 ta’ Jannar 2011. Din l-estenzjoni tibqa valida ukoll għat-‘Target Shooting’.

Dan sar wara li l-Gvern ħabbar li l-liċenzji tal-kaċċa ta’ din is-sena ser ukoll jibqu validi sa l-aħħar ta’ Jannar 2010, filwaqt li dawk tal-insib ser jibqu validi sal-10 ta’ Jannar 2010 meta jagħlaq l-istaġun tal-insib għall-pluvieri u l-imlivezz. Għandhom jibqu jintużaw ukoll il-‘Carnet de Chasse’ tal-2009 waqt Jannar tal-2010.

Dan l-arranġament ser jevita kull diżgwid li inevitabilment jinqalaw ma’ kull bidu ta’ sena ġdida, mhux biss għas-sena 2010, iżda għas-snin segwenti.

Lino Farrugia
Segretarju - FKNK